**GUDIKATUR: DR. PHILIP MANDUCA LL.D**

**Seduta tal-nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru, 2001**

Avviz. Nru. 1850/00 PM

**Gasan Enterprises Ltd.**

**Vs**

**Noel Micallef et**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi presentat tis-3 ta' Novembru 2000 fejn is-socjeta' attrici tablet li l-konvenut ghandu ihallas Lm103.56 rappresentanti bilanc ta' prezz akbar dovut lis-socjeta' attrici ghal xoghol u spareparts fornuti mill-istess socjeta' attrici fuq il-mutur Yamaha propieta tal-konvenut YZF 998.

Ra l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa li mhux il-legitimu kontradittur stante li l-konvenut kien qieghed jagixxi fuq istruzzjonijiet tal-possessur tal-mutur Brian Farrugia. Noel Micallef eccepixxa ukoll li t-talba n-kwantu dirett kontra tieghu hu infondat fil-fatt u fid-dritt.

Ra li fil-15 ta' Jannar 2001 l-konvenut talab li jigi msejjah fil-kawza Brian Farrugia.

Ra d-digriet tal-15 ta' Jannar 2001 li biha Brian Farrugia gie msejjah fil-kawza.

Ra r-repair order ffrimat minn Noel Micallef (esebit fil-5 ta' Frar 2001).

Ra li l-kjamat fil-kawza Brian Farrugia gie debitament notifikat fis-16 ta' Frar 2001 izda naqas li jippresenta eccezzjonijiet.

Ra x-xhieda ta' James Camilleri Foreman tas-socjeta' attrici.

Sema x-xhieda tal-kjamat fil-kawza Brian Farrugia.

Ra li fil-11 ta' Gunju 2001 r-rappresentanti tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx izjed provi u li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra li Noel Micallef ghamel eccezzjonijiet fejn sostna li hu kien qed jagixxi fuq istruzzjonijiet tal-possessur tal-mutur Brian Farrugia. Noel Micallef naqas li jixhed f'din il-kawza.

Illi s-socjeta' attrici esebiet kopja ta' repair order iffirmat mill-konvenut Noel Micallef. Illi skond l-istess order form Noel Micallef awtorizza lis-

socjeta' attrici sabiex jaghmel ix-xoghol skond ir-rati ta' l-istess socjeta' attrici u obbliga ruhu li ihallas l-kont.

James Camilleri, Foreman tal-Garage tas-socjeta' attrici qal li l-konvenut u l-kjamat fil-kawza kienu gew flimkien fil-garage u l-konvenut iffirma l-Job Card. Wara li tlesta x-xoghol l-kjamat fil-kawza gie ghal karozza. Mill-kont ta' Lm153.56 thallsu biss Lm50.

Il-kjamat fil-kawza xehed li hu s-sid tal-mutur u kien hu li ghamel l-appuntament mas-socjeta' attrici. Dak in-nhar billi ma setax imur l-kjamat fil-kawza kien mar bil-mutur il-konvenut.

Brian Farrugia xehed li l-mutur kien ghadu taht garanzija. Farrugia zied qal li kien tort tas-socjeta' attrici li l-mutur dam hafna sabiex jissewwa. Farrugia zied qal li kienu qalulu li l-ammont dovut kien dovut bhala kera ghaliex il-mutur dam hafna ghand is-socjeta' attrici.

Ikkunsidra li Brian Farrugia naqas li jippresenta eccezzjonijiet; li Brian Farrugia naqas li jesebixxi l-garanzija u naqas li igib provi dwar l-allegazzjoni tieghu li l-ammont kien dovut minhabba l-fatt li l-mutur dam zmien twil ghand is-socjeta' attrici. Brian Farrugia jaccetta li fil-fatt kien hu li ghamel l-appuntament mas-socjeta' attrici sabiex il-mutur jissewwa u kien hu li gabar il-mutur u hallas l-akkont.

Ikkunsidra li l-konvenut iffirma dikjarazzjoni li se ihallas hu tax-xoghol (ara Job card esebit fil-5 ta' Frar 2001).

Ghall dawn ir-ragunijiet l-konvenut u l-kjamat fil-kawza ghandhom n-solidum ihallsu l-ammont ta' Lm103.56 lis-socjeta' attrici. Bl-imghax mid-data tal-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-kjamat fil-kawza.

Av. Dr Philip Manduca
Gudikatur